Minuti tal-Laqgħa Nru.32 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar 2007 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.(Mus).L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sinjura Monica Camilleri (ħadet postha fil-5.25 p.m.)<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Riferenzi għall-Minuti
4. Korrispondenza
5. Mistoqsijiet
6. Rapport Finanzjarju Ottubru/Diċembru 2006
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 li ġew approvati wara li l-Kunsill qabel ma' amenda tal-Viċi Sindku Joe Piscopo biex fl-aħħar ta' para. 2.5 jiżdied il-kliem : *''Sadattant is-Sur Raymond Saliba qal li kien hu li qabbad lill-ħaddiema tal-Kunsill biex isir dak ix-xogħol peress li r-residenti kienu lmentaw miegħu (mas-Sur Saliba) minħabba l-għargħar ta' ilma tax-xita."*

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

1.1 Is-Sur Piscopo rrefera għall-para. 2.1.ii u qal li dak li deher fi Fiumicino li Silvio Schembri huwa Viċi Sindku, meta mhuwiex, kien jistenna lil Silvio Schembri stess imur jikkoregiha.

2.1.i Is-Sur Silvio Schembri minn naħa tiegħu qal li dik mar jikkoreġiha s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fil-preżenza tal-Kunsillier Joe Camilleri. Qal ukoll li hu dak il-ħin ma kienx magħhom u li kien ra l-programm wara fil-lukanda.

1.2 Meta rrefera għall-para. 2.3.ii dwar dak li qal is-Sindku li l-ittra ta' stedina mill-Euro National Committee setgħet qabżitlu u ma rahiex, is-Sur Piscopo qal li s-Sindku seta' qallu (lis-Sur Piscopo) biha minn qabel u mhux kellu joqgħod iqajjimha fil-Kunsill.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sas-26 ta' Jannar 2007, fosthom :

a) Memo Nru. 1/2007 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għeluq ta' uffiċini tal-Kunsill Lokali matul il-perijodu tal-Milied.
b) Avviż mir-Reġistru Elettorali dwar il-Karti ta' Identita' li għalqu fl-2006 u li se jaqgħlqu matul l-2007, li dawn se jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2007.
c) Ittra ta' stedina mill-Assoċjazzjoni tan-Nisa fin-Negozju għal seminar u biex il-Kunsill jinnomina mara mil-lokal midħla tan-negozju biex tingħata ċertifikat ta' għarfien.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa x'ġara minn Triq Sir Ugo Mifsud. Wara li s-Sindku wieġeb li l-Perit għamlet ir-rapport u ċċertifikat il-materjal li ntuża bħala ħażin, il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-kuntrattur biex it-triq terġa' ssir.

4.2 Is-Sur Caruana staqsa wkoll min se jħallas għal dawk il-crash-barriers li saru. Is-Sindku wieġeb li dawk saru mill-Kunsill u jridu jitħallsu mill-Kunsill ladarba l-ADT injorat it-talbiet ripetuti tal-Kunsill.

LUQA

4.3 Meta rrefera għal li speed-ramps li saru fis-service road ta' Qormi Road, is-Sur Victor Caruana staqsa jekk għal dawn li speed ramps ingħatax il-permess mill-ADT?

4.3.i Is-Sindku wieġeb li issa niktbu lill-ADT biex ngħidulhom li saru żewġ speed-ramps.

- Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'talba li saret mill-Uffiċċju ta' l-Onor. Edwin Vassallo biex isir użu mis-Sala Komunitarja nhar l-Erbgħa, 7 ta' Marzu 2007 fis-7.30 p.m. għall-komunita' kummerċjali lokali. Il-Kunsill approva din it-talba.

- Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-*gap* fis-salarju taż-żewġ skrivani tal-Kunsill huwa wiesa' sostanzjalment ta' kważi Lm700, u peress li huwa aktar minn konvint li dik li qegħda fuq il-massimu ta' skala 15 (Ingrid Borg) jistħoqqilha titla', sabiex jagħlaq kemm jista' dan il-*gap* irrakkomanda li din ta' l-aħħar titla għal point 5 ta' skala 13.

- Il-Kunsillieri kollha qablu mar-rakkomandazzjoni, pero wara li s-Sur Silvio Schembri qal li għandha ssir evalwazzjoni ta' din l-ispiża finanzjarja li biha jintrabtu kunsilli futuri, ma jarax li għandha tittieħed deċiżjoni f'din il-laqgħa.

- Għal din l-osservazzjoni tas-Sur Silvio Schembri, is-Sindku John Schembri kkonkluda li l-Kunsill kien qed jaqbel fil-prinċipju, pero' jieħu deċiżjoni f'laqgħa oħra.

## 5. RAPPORT FINANZJARJU OTTUBRU/DIĊEMBRU 2006

5.1 Meta s-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju tal-Kunsill għall-perijodu ta' Ottubru/Diċembru 2007, is-Sindku qal li kopja tar-rapport intbagħtet jiem qabel il-laqgħa u għalhekk stieden lill-Kunsillieri biex jagħmlu l-osservazzjonijiet u d-domandi tagħhom.

5.2 Wara li saru xi domandi, ir-Rapport Finanzjarju għax-xhur ta' Ottubru/Diċembru 2006 ġie approvat unanimament fuq mozzjoni tas-Sur Joe Piscopo ssekondata mis-Sinjura Monica Camilleri.

## 9. MOZZJONIJIET

6.1 Mozzjoni mressqa mis-Sur Joe Camilleri u ssekondata mis-Sindku John Schembri tgħid li : **il-Kunsill japprova li jiġi organiżżat Party tal-Karnival għat-tfal.**

6.1.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sur Joe Camilleri qal li din is-sena din l-attivita' se ssir differenti minn dik tas-sena l-oħra peress li din id-darba mhux se ssir fil-forma ta' kompetizzjoni. L-attivita' se ssir nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar fis-Sala Komunitarja u l-parteċipanti kollha se jingħataw tifkira ta' l-okkazzjoni.

6.1.ii Meta l-mozzjoni tressqet għall-votazzjoni, din ġiet approvata unanimament.

LUQA

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-26 ta' Jannar 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.15 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 23 ta' Frar 2007.

____________________
John Schembri
Sindku

____________________
Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv